**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa 30 ta' Mejju, 2025**

Kawża Numru: 9/2024 (MPX)

**Joseph Attard (K.I. 17476G)**

**vs**

**Natalino Agius (K.I. 40665M) u**
**Marie Josette Agius**
**(K.I.461467M)**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tal-attur, ippreżentat fl-24 ta' Mejju, 2024, fejn talab kif ġej:

> *"Il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) li huwa bilanċ minn somma akbar dovut mill-konvenuti lill-atturi għal xogħol ta' aperturi tal-injam u xogħol ieħor konness li sar fil-fond tal-konvenuti fi Triq ta' Wara s-Sur, Victoria. Bl-imgħaxijiet u spejjes ta' din il-proċedura u tal-ittra uffiċċjali ta' Diċembru, 2023."*

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz tagħha wieġbu kif ġej:

1. *"Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi f'kull kaz u mingħajr pregudizzju l-konvenuti m'għad fadlilhom iħallsu xejn lill-attur, u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Salv eċċezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni."*

Ra l-atti kollha tal-process.

It-Tribunal iqis li jkun opportun li, qabel jghaddi ghall-kunsiderazzjonijiet tieghu, jevalwa l-assjem tal-provi migjuba.

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru, 2024, fejn xehed illi xoghlu huwa ta' mastrudaxxa. Jghid li fl-2018 kienu avvicinawh il-konvenuti fejn talbuh biex jahdmilhom. Izid jghid li permessi kien ghad ma kellhomx, u allura regghu kellmuh f'Settembru, 2022. Jispjega li x-xoghol kien jikkonsisti fi twieqi, bibien, bieb ta' garaxx u zewg bibien ohra. Jghid li dan ix-xoghol kien mitlub ilestieh sa Awwissu, 2023.

L-attur xehed li kien informa lill-konvenuti li din ma kellhiex tkun problema, pero` jghid li qalilhom li l-affarijiet ma kienx ghadhom fil-prezzijiet tal-2018. Jghid li l-konvenut kien qallu li ma kienx jinteressah minn dan, u l-importanti kien li x-xoghol jinbeda, u kien fil-fatt thallas depozitu ta' €5000. Ikompli jghid li ammont totali ta' kemm kellhom jigu jiswew ix-xoghlijiet qatt ma nghata.

Jghid li x'hin inbeda x-xoghol kien talab lill-konvenut igiblu z-zebgha, u li sa dak l-istadju l-bennej kien ghadu ma giex, u ghalhekk ma setax isir ix-xoghol kollu, fejn kien allura beda parti u l-bieb tal-garaxx kien hallieh peress li l-bennej kien ghadu ma marx. Jispjega li ma setax jiehu l-qisien u l-bieb kien ghadu mhux iffurmat sewwa. Izid jghid li hadmu, waslu ghaz-zebgha, u zebghu l-*undercoat* tat-twieqi kollha li kien hemm u l-bibien kollha minbarra l-bieb tal-garaxx. Jghid li x'hin zebghuhom u tawhom zewg passati, l-attur kien talab lill-konvenut igiblu l-*finish*, pero` dan gablu *finish* li ma kienx jaqbel, peress li wiehed kien tal-ilma u l-iehor taz-zejt. Kellu jixkatla kollox mill-bidu, barra l-bieb tal-garaxx, u jerga' jizbohhom.

Izid jixhed li meta waslu biex iwahhlu l-aperturi, kien talab lill-konvenut jaqlaghlu l-aperturi li gia` kien hemm fuq il-post u jnaddaf peress li kien hemm hafna terrapien. Jghid li meta mar biex iwahhal l-aperturi, pero`, hlief hmieg tal-hamiem ma kienx hemm, u t-terrapien kien ghadu kollu hemm, b'tali mod li kellu jnaddaf kollox hu.

Ikompli jghid li meta twahhlu l-konvenut kien kuntent bix-xoghol u kien talbu wkoll l-IBAN number biex ihallsu l-bilanc. Jghid izda li minflok ghaddielu l-ammont li kien fadal jithallas, baghtlu ittra bl-avukat. Jixhed li minn dakinhar kien ghaddielu pagament iehor ta' €4,500. Izid jghid li allura sa Settembru 2023 kien thallas minghand il-konvenut l-ammont totali ta' €9,500, biex b'hekk fadallu jigbor l-ammont ta' €1,800.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-attur waqt ix-xhieda tieghu.

Ra x-xhieda ta' Chris Attard, moghtija minnu waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2024, fejn qal li huwa t-tifel tal-attur u li bhalissa qieghed isegwi kors l-MCAST. Jghid li fis-sajf, peress li ma jkollux hafna x'jaghmel, jinzel fejn missieru jaghtih daqqa ta' id fil-*workshop* tieghu.

Mistoqsi jekk lill-konvenut jafux, jghid li iva peress li kien klijent ta' missieru. Jghid li x-xoghol mitlub minnu kien jikkonsisti fi twieqi, bieb ta' garaxx u bieb ta' barra. Ikompli jghid li huwa kien involut fix-xoghol peress li missieru jiehu hsieb l-injam imbaghad huwa jiehu hsieb il-*finishing*. Jghid li l-ewwel tibda bil-minju, imbaghad tobrox, imbaghad taghti l-*undercoat*, izda li f'dan il-kaz il-konvenut kien hadilhom l-*undercoat* taz-zebgha tal-ilma.

Jghid li taw zewg passati zebgha tal-ilma, imbaghad x'hin gew biex jaghmlu l-*finish* kien hadilhom landa kbira ta' hames litri zebgha *finish* taz-zejt. Jispjega li ma tistax tizbogh iz-zebgha taz-zejt fuq iz-zebgha tal-ilma, u li ghalhekk kellhom joborxu kollox. Jghid li dan kienu qaluhulu lill-konvenut, u jzid jispjega li kienu nfurmawh li ma kienx possibbli jizbghu z-zebgha taz-zejt fuq iz-zebgha tal-ilma u ghalhekk kellhom joborxu z-zebgha tal-ilma u jergghu jibdew mill-bidu. Jghid li l-konvenut kien accetta u gabilhom iz-zebgha *undercoat* taz-zejt.

Jixhed li wara li kien tlesta x-xoghol kienu marru fuq il-post biex iwahhlu t-twieqi, u li hemmhekk kellhom inehhu l-hmieg tal-hamiem u kellhom jaqilghu wkoll l-aperturi l-antiki. Jghid li kien hemm ukoll hafna terrapien wara l-bieb tal-garaxx li kellhom inehhu huma wkoll.

Mistoqsi x'jaf dwar il-bieb tal-garaxx jghid li dan suppost inghatawlu zewg passati, pero` t-tieni passata ma setghetx tinghata peress li z-zebgha kien spicca, u ghalhekk kellu jithalla b'passata wahda.

Ra x-xhieda tal-konvenut Natalino Agius, moghtija waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2024. Jghid li hu u martu ghandhom propjeta` li rrestawrawha permezz tal-iskema 'Irrestawra Darek', fejn kienu ddecidew li jibdlu l-aperturi peress li kienu antiki. Kienu avvicinaw ghal dan lill-attur, u marru fuq il-post fejn ittiehed il-kejl. Wara li kien ghadda ftit taz-zmien, u l-iskema kienet waslet biex taghlaq, kienu marru

ghand il-perit taghhom, fejn mart l-attur kienet tatha l-prezzijiet fuq it-telefon. Qalu lill-attur biex imexxi bix-xoghol.

Jghid illi kien rega' kellem lill-attur kemm-il darba biex jibda x-xoghol, u dan kien iserrhilhom mohhhom li x-xoghol kien ser jaghmlu, pero` li kellu bzonn ftit iktar zmien peress li kien qed jahdem fuq bicciet ohrajn. Jghid illi f'Dicembru, 2022, kienet saret il-kostruzzjoni fuq il-bieb tal-garaxx, fejn inbidlulu l-koxox, izda baqa' tal-istess qies, kienu nehhew it-travu ghax kien hemm travu tal-hadid li ma kienx jikkumplimenta l-post, u minfloku ghamlu arkipjan. Izid jghid li xi xahrejn u nofs qabel l-gheluq tal-iskema l-attur kien ha l-aperturi u wahhalhom. Jghid ukoll li qabel inbeda x-xoghol kien thallas depozitu.

Jixhed li wara li twahhlu l-affarijiet hu u martu kienu marru ghand l-attur biex ihallsuh, fejn dan qalilhom li kellhom jaghtuh €6,300. Jghid li qallu li ma kienx dak l-ammont maqbul, u li l-attur kien qallu li l-affarijiet kienu gholew, fejn ghal dan il-konvenut kien qallu li dejjem kien gharrfu li l-materjal kien diga` kollu ghandu. Jghid li l-ircevuta tal-hlas tad-depozitu ma waslet qatt.

Izid jghid li huwa minnu li kienu gabu zebgha *mustard* li martu ratu car u riditu iktar skur, u li kienet *water based*. Jghid li ghandu dokument originali rilaxxjat minghand l-agent tal-*Benjamin and Moore* li jghid li din iz-zebgha tittratta ruhha b'mod normali daqs li kieku kienet zebgha ohra, tixkatla minn passata ghall-ohra, u taghti l-*ispray*.

Il-konvenut jikkonferma li l-propjeta` li fiha sar ix-xoghol hija dik bin-numri 53,55, u 57, Triq Wara s-Sur. Izid jghid illi ghalkemm twahhlu t-twieqi, jghid illi dwarhom kienu miftehmin kollox kif inhu, u li anke fir-ritratti esebiti jidher li kien hemm nemusiera. Jghid, izda, li l-attur kien talbu jaghtih €550 oltre s-€6,300. Ikompli jghid li hemm ukoll passata nieqsa fil-bieb tal-garaxx u l-ventilaturi tal-bieb tal-garaxx neqsin.

Mistoqsi kemm kien l-ammont maqbul mal-attur, il-konvenut jghid li dan kien €9,500, kwotat lilhom fl-2018, meta kienu nfurmawh li seta' jmexxi bix-xoghol.

In kontro-ezami jikkonferm li kwotazzjoni bil-miktub ma kellu qatt, u li l-ftehim kien gie milhuq verbalment. Jghid ukoll li marru fuq il-post fl-2018, pero` d-depozitu thallas fis-sena 2022, meta ntalab mill-attur. Jghid li l-bieb tal-garaxx seta' jehel minkejja li kien fadal xi xoghol strutturali xi jsir, u dan peress li l-fetha kienet baqghet l-istess.

Mistoqsi dwar jekk kienx sar xi xoghol iehor oltre dak originarjament mitkellem dwaru bejn il-partijiet, il-konvenut jghid li l-attur kien qallu li kien ghamillu tieqa, liema tieqa pero` ma kinitx rikjesta, tant li ma kinitx lanqas fl-iskema. Jikkonferma li z-zebgha kienet maghzula minnu u minn martu. Mistoqsi jekk kienx sar xoghol extra minhabba l-ghazla taz-zebgha, il-konvenut jghid li meta kienu gablu z-zebgha biex jippruvawha kienu gabu litru, u meta haduhielu biex jizbogh kienu gabu hames litri. Jghid li ghalhekk ma setax kien inzebah kollox. Jinnega li l-fatt li kellha tigi xkatlata z-zebgha biex tinghata passata ohra jitqies bhala xoghol extra. Jghid li dak kollu li kellu jsir fuq il-post meta gew biex jitwahhlu l-aperturi wettqu l-attur, u li huwa kien spustjalu t-terrapien tal-garaxx, pero` jidher li dan ma kienx bizzejjed, u kompla jressqu l-attur.

Ra x-xhieda tal-Perit Cornelia Tabone, moghtija fl-20 ta' Novembru, 2024, fejn tghid illi hija kienet giet avvicinata mill-konvenuti sabiex tissottometti applikazzjoni ghall-iskema 'Irrestawra Darek'. Tghid li l-Awtorita` tal-Ippjanar titlob *bill of quantities* biex tkun mgharrfa dwar in-nefqa, u ghalhekk kienet saret telefonata lill-attur fejn kien taha l-ammonti, ammontanti ghal €9,500. Tghid li x-xoghol kien jirrelata ma' tibdil ta' zewg bibien, tibdil ta' bieb ta' garaxx, tibdil ta' hamest itwieqi, nemusiera kif ukoll ix-*shutters* taghhom, u tibdil ta' logga ta' bieb. Mistoqsija in kontro-ezami jekk tafx jekk sarx xoghol extra mill-mastrudaxxa, tghid li ma tafx. Tghid li hija marret fuq il-post

meta kien qieghed isir it-tikhil. Taqbel li kien sar xoghol ta' restawr tal-bordura tal-bieb tal-garaxx, u zzid tghid li l-bieb il-gdid seta' jehel qabel sar dan ix-xoghol, pero` imbaghad ried jerga' jinqala' u jerga' jitpogga.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Marie Josette Agius,ipprezentat fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2024, fejn tghid li flimkien ma' zewgha kienet ikkuntattjat lill-attur u spjegawlu li riedu xi xoghol fl-injam, peress li kienu applikaw ghall-iskema 'Irrestawra Darek'. Tghid li dan ix-xoghol kien jikkonsisti fit-tibdil ta' zewg bibien, tal-bieb tal-garaxx bil-ventilaturi, tibdil ta' hames twieqi, inkluz nemusieri u l-kontraporti, u tibdil tal-logg ta' bieb.

Tghid li meta kien vicin li taghlaq l-iskema, il-konvenuti kienu marru ghand il-Perit Cornelia Tabone sabiex tapplikalhom, u kienet inzammet telefonata mal-attur u martu, fejn ipprovdew kwotazzjoni ta' €9,500. Kienu qablu mal-ammont u taw l-awtorizazzjoni taghhom biex ix-xoghol jinbeda. Tghid ukoll li zewgha kien ghadda kopja tac-cwievet tal-post lill-attur sabiex ikunu jistghu jinbdew ix-xoghlijiet, u li min-naha tieghu kien jghidilhom li l-materjal kien mixtri.

Tixhed li fil-bidu ta' Settembru, 2023, l-attur kien mar iwahhal l-aperturi u kienu marru ghandu biex ihallsuh il-bilanc ta' €4,500, u dan in linea mal-ammont li kienu qablu dwaru meta giet sottomessa l-applikazzjoni. Tghid li b'sorpriza ghalihom, izda, dan kien qalilhom li t-total kien ta' €11,300, u li d-diskrepanza li rrizultat kienet minhabba li l-materjal kien zdied fil-prezz. Tinsisti li l-ircevuta fiskali tad-depozitu kienet baqghet ma gietx mghoddija. Tasserixxi wkoll li l-attur kien naqas milli jwahhal in-nemusiera u l-ventilaturi tal-bieb tal-garaxx, u li ta' dawn ried jithallas apparti. Dan oltre passata nieqsa fil-bieb tal-garaxx.

Ra x-xhieda in kontro-ezami ta' Chris Attard, moghtija fil-5 ta' Marzu, 2025. Jikkonferma li l-*undercoat* kienet mixtrija mill-konvenut, izda jghid li ma jiftkarax bl-

ezatt kemm kien gie supplit. Jghid li huwa cert li z-zebgha kienet tal-ilma, u fuq suggeriment li kien gie supplit litru mill-konvenut jghid li dan zgur ma kienx il-kaz. Mistoqsi kemm jikkalkula li giet uzata zebgha, jghid li madwar 3 jew 4 litri, u jghaddi biex jispjega l-process segwit.

Mistoqsi dwar in-nuemusieri, jghid li semaghhom isemmuhom, pero` huwa ma kellux x'jaqsam maghhom, u li l-involviment tieghu kien limitat biss ghaz-zebgha u twahhil tal-aperturi;

Ra x-xhieda tal-attur, in kontro-ezami, moghtija wkoll fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2025. Jghid li l-aperturi kellhom jinqalghu mill-konvenut, biex il-godda jitwaahhlu minnu. Jghid li t-twieqi kellhom ikunu tal-istess qisien, izda li l-bieb tal-garaxx kien ghadu mhux iffurmat sewwa. Jghid li kien jaf li l-konvenuti kienu ser japplikaw ghall-iskema ta' 'Irrestawra Darek', u li din kienet giet estiza minhabba l-Covid, izda meta mistoqsi jekk lill-konvenut kienx serrahlu rasu li ma kellux ghalfejn jinkwieta peress li kienet giet estiza, jghid li l-konvenut ma kienx tah kelma, u depozitu ma kienx thallas. Mistoqsi ultirjorment dwar li hu u martu kienu qalu lill-konvenut li gialadarba kien hemm l-estensjoni tal-iskema u l-materjal kien ordnat, ma kellux ghalfejn jinkwieta, l-attur jghid li huwa qatt ma seta' jibda ghaliex il-bennej u l-kahhal kien ghadhom ma marrux. Maghmul l-istess mistoqsija ghal darb'ohra, iwiegeb fl-affermattiv.

Mistoqsi jekk il-bieb kienx se jkun tal-istess qies, jghid li ma kellux idea x'kien ha jkun. Jasserixxi li huwa jahdem biss fuq dak li attwalment ikun hemm. Jikkonferma li meta talab id-depozitu, il-konvenuti ghaddewhulu mill-ewwel. Mistoqsi kemm kien gablu zebgha l-konvenut, jghid li l-ewwel taw il-minju, imbaghad gablu 2.5 litri *undercoat* tal-ilma. Izid jghid li x'hin waslu ghall-*finish*, gablu l-*finish* taz-zejt. Izid jispjega kemm intuza zebgha, u l-procedura adoperata.

Mistoqsi dwar in-nemusieri, jghid li dawn ma kinux ikluzi fil-ftehim li kien sar bejn il-partijiet, u li kemm-il darba dawn kienu inkluzi, kien jaghmilhom. Jasserixxi li l-ventilaturi min-naha tieghu saru. Jikkonferma li l-ahhar passata zebgha ma nghatatx, u jghid li dan ghaliex il-konvenut ma gablux zebgha.

Ikkunsidra:

Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh ammont dovut lilu ghal xoghlijiet fl-injam. Jirrizulta inkontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuti kienu avvicinaw lill-attur sabiex dan jaghmlilhom xoghlijiet fl-injam, li kellhom ikun parti minn skema sabiex jirrestawraw il-faccata ta' fond propjeta` taghhom, fir-Rabat, Ghawdex.

Il-partijiet jikkonfermaw ukoll illi meta avvicinat dwar ix-xoghlijiet, l-attur kien tahom stima tax-xoghlijiet, ammontanti ghal €9,500, liema stima, pero`, qatt ma giet ifformalizzata bil-miktub bejniethom. Huwa, madanakollu, ikkonfermat illi l-ammonti rispettivi gew dettati lill-Perit Cornelia Tabone waqt telefonata li nzammet maghha ghall-iskop specifiku li tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-iskema 'Irrestawra Darek'.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet qamet fil-mument li, wara li x-xoghol kien lest, il-konvenuti kellmu lill-attur sabiex jissaldaw il-bilanc li kien fadlilhom jghaddulu, wara li jigi mnaqqas id-depozitu mghoddi lilu, ta' €5,000. Jidher li kien f'dak il-punt li l-attur gharraf lill-konvenuti li l-ammont dovut kien oghla minn dak li kien gie kwotat lilhom, u dan peress illi l-prezz tal-materjal kien ghola. Fix-xhieda tieghu, l-attur jaghmel referenza wkoll ghal xoghol ulterjuri, konsistenti f'tieqa li ma taghmilx parti mill-faccata, u li allura ma kinitx elenkata max-xoghlijiet indikati fl-applikazzjoni ghall-iskema, u tindif ta' hmieg tal-hamiem mill-hogor tat-twieqi u terrappien mill-

garaxx. Min-naha taghhom, il-konvenuti jsostnu li n-nemusieri ma twahhlux, il-ventilaturi ma sarux, u li l-bieb tal-garaxx inghata biss passata wahda.

Fl-assenza ta' stima bil-miktub, u fin-nuqqas ta' kwalsiasi ftehim skritt bejn il-partijiet, l-elenku mnizzel mill-Perita fl-applikazzjoni sottomessa minnha, qieghed jitqies mit-Tribunal bhala prova ta' dawk ix-xoghlijiet li l-partijiet qablu dwarhom, flimkien mal-prezzijiet rispettivi. It-Tribunal jinnota, ghalkemm jemmen li kien hemm, effittivament, zieda fil-prezz tal-materjal bejn id-data li fiha originarjament inghatat l-istima u d-data li fiha gew forniti l-aperturi, li l-attur fl-ebda hin u waqt ma pprova li kien, b'xi mod, gharraf lill-konvenuti dwar tali zieda. Pjuttost, it-Tribunal jinsab rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn perjodu ta' zmien sewwa wara li nghatat il-kwotazzjoni, kien gie mitlub depozitu, li thallas instantanjament mill-konvenuti mill-attur, pero` fejn ma jirrizulta minn imkien li kienet inghatat xi tip ta' stima aggornata. Mix-xhieda ma tirrizultax kontradetta lanqas il-verzjoni tal-konvenuti, li l-attur kien gharrafhom li l-materjal kien diga` qieghed ghandu. Oltre minn dan, l-attur ma gab lanqas l-ebda prova li tista', b'xi mod, twassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni li l-materjal mixtri kien hekk mixtri versu prezz oghla minn dak originarjament stmat.

L-attur jindika fil-kont mahrug lilu, tieqa ohra apparti dawk indikati lill-Perit Cornelia Tabone, liema tieqa l-partijiet jaqblu li verament saret, bil-konvenuti, pero`, jghidu li din qatt ma kienet giet rikjesta lill-attur. It-Tribunal m'huwiex konvint kif l-attur, a sua spunta, individwalizza tieqa partikolari mill-fond propjeta` tal-konvenuti, u fettillu jirreplikaha f'tieqa gdida minghajr ma kien hekk minnu mitlub. F'dan l-isfond, tirrizulta iktar kredibbli l-verzjoni moghtija mill-attur, iktar minn dik moghtija mill-konvenuti. Sussegwentement, it-Tribunal jidhirlu li l-attur ghandu jithallas ta' dik l-istess tieqa, pero` dan versu l-prezz originarjament citat ghat-twieqi kollha, u cioe` dak ta' €780, u mhux dak indikat fuq il-kont aggornat.

Il-konvenuti jikkontendu wkoll illi n-nemusieri u l-ventilaturi ma sarux mill-attur. Min-naha tieghu, l-attur jinnega dak li ntqal dwar il-ventilaturi, filwaqt li jghid li ma kienx tenut jaghmel in-nemusieri. F'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma li ma ngabet l-ebda prova min-naha jew l-ohra li setghet konklussivament twasslu jemmen verzjoni ad eskluzjoni tal-ohra, pero`, fl-istess waqt huwa tenut isaqsi, kemm-il darba l-ftehim originali kien jinkludi n-nemusieri, u dan baqghu ma sarux mill-attur, ghaliex il-konvenuti kienu pronti javvicininaw lill-attur ghall-hlas tal-ammont bilancjali, u fuq kollox ihallsu lill-attur l-ammont globali originarjament maqbul, jekk ix-xoghlijiet esegwiti ma kinux jinkorporaw dak kollu maqbul dwaru?

L-attur jalludi wkoll ghall-fatt li huwa kellu jesegwixxi xoghol oltre dak maqbul, peress li kellu jnaddaf il-hogor tat-twieqi mill-hmieg tal-hamiem, u jressaq ukoll xi terrapien. Filwaqt li t-Tribunal jifhem li dan kien jirrikjedi mill-attur impenn ikbar minn dak minnu originarjament assunt, jinnota wkoll li dan ix-xoghol la gie ndikat fuq il-kont mahrug, u wisq inqas kwantifikat. Ma ngabet lit-Tribunal lanqas l-ebda prova li tista' b'xi mod twasslu biex jattribwixxi xi ammont ghal dan ix-xoghol, u dan partikolarment in vista tal-verzjonijiet xejn konkorrenti tal-partijiet, fejn filwaqt li l-attur jghid li dan kien laboruz, il-konvenut jghid li dan kien jinvolvi biss sforz minimu.

Dan it-Tribunal jonqsu japprofondixxi fil-kwistjoni ta' xoghol addizzjonali li kien jehtieg isir minhabba li z-zebgha fornita mill-konvenut ma kinitx uniformi, u cioe` fejn wahda kienet taz-zejt u l-ohra tal-ilma. It-Tribunal ha pjena konjizzjoni tad-dikjarazzjoni rilaxxjata mill-provdituri taz-zebgha, pero` ma setax jonqos milli jaghti jattribwixxi l-piz mehtieg lix-xhieda moghtija mill-attur, korroborata minn dik moghtija minn ibnu, Chris Attard, dwar ix-xoghol li kien jehtieg li jigi esegwit minhabba n-natura taz-zebgha fornita. It-Tribunal seta' jinnota li d-dettalji moghtija f'dan ir-rigward, partikolarment il-perkors tax-xoghlijiet, baqghu kostanti, b'manjiera li nisslu konvinciment fit-Tribunal li dan kien verament jirrikjedi li jsir xoghol oltre

dak originarjament mahsub. Sussegwentement, u wara li apprendixxa l-ammonti involuti, it-Tribunal ser jghaddi biex jattribwixxi l-ammont ta' €400 ghal dan.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, u r-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, jilqa' t-talbiet tal-attur limitatament fl-ammont ta' elf, mija u tmenin Ewro (€1,180), bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza. Spejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu ugwalment sopportati bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Ġudikant*

(ft.) Martina Axiak
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur